

Konvenut: Il-Bank Ċentrali Ewropew (rappreżentanti: E. Koupepidou, E. Yoo u M. Puidokas, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: I. Gurov u J. Bauerschmidt, aġenti), Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Armati, A. Steiblytė, K.-P. Wojcik u A. Nijenhuis, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni ECB-SSM-2018-ESSAB-4, SNC-2016-0026 tal-BĊE tal-14 ta' Marzu 2018, meħuda skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU 2013, L 287, p. 63), sa fejn, minn naħa, huwa impona fuq ir-rikorrenti sanzjoni pekunjarja amministrattiva ta' EUR 1 600 000, u, min-naħa l-oħra, huwa ddeċieda favur il-pubblikazzjoni ta' din is-sanzjoni, mingħajr anonimizzazzjoni ta' isem ir-rikorrenti.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) VQ, għandha tbat, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, dawk sostnuti mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), inkluż dawk relatati mal-proċedura għal miżuri provviżorji.
- 3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

(¹) ĠU C 182, 28.5.2018.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Lulju 2020 – Crédit agricole vs BĊE

(Kawża T-576/18) (¹)

(“Politika ekonomika u monetarja – Superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu – Artikolu 18 (1) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 – Sanzjoni pekunjarja amministrattiva imposta mill-BĊE fuq istituzzjoni ta' kreditu – L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 26(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 – Ksur kontinwu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji – Ksur b'negliġenza – Applikazzjoni retroattiva ta' leġiżlazzjoni kriminali inqas severa – Assenza – Drittijiet tad-difiża – Ammont tas-sanzjoni – Obbligu ta' motivazzjoni”)

(2020/C 313/34)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Crédit agricole SA (Montrouge, Franza) (rappreżentanti: A. Champsaur u A. Delors, avukati)

Konvenut: Il-Bank Ċentrali Ewropew (rappreżentanti: C. Hernández Sasetta, A. Pizzolla u D. Segoin, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-BĊE ECB/SSM/2018-FRCAG-75 tas-16 ta' Lulju 2018 adottata skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-BĊE fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU 2013, L 287, p. 63), li timponi fuq ir-rikorrenti sanzjoni pekunjarja amministrattiva fl-ammont ta' EUR 4 300 000 minħabba ksur kontinwu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji previsti fl-Artikolu 26(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU 2013, L 176, p. 1, rettifikasi fil-ĠU 2013, L 208, p. 68, fil-ĠU 2013, L 321, p. 6 u fil-ĠU 2017, L 20, p. 2).

Dispożittiv

- 1) Id-Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) ECB/SSM/2018-FRCAG-75 tas-16 ta' Lulju 2018 hija annullata sa fejn timponi fuq Crédit agricole SA sanzjoni pekunjarja amministrattiva fl-ammont ta' EUR 4 300 000.
- 2) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Crédit agricole hija kkundannata tbatu l-ispejjeż rispettivi tagħha.
- 4) Il-BĊE huwa kkundannat ibati l-ispejjeż rispettivi tiegħu.

(¹) ĠU C 436, 3.12.2018.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Lulju 2020 – Crédit agricole Corporate and Investment Bank vs BĊE

(Kawża T-577/18) (¹)

(“Politika ekonomika u monetarja – Superviżjoni prudenzjali ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu – Artikolu 18 (1) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 – Sanzjoni pekunjarja amministrattiva imposta mill-BĊE fuq istituzzjoni ta’ kreditu – L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 26(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 – Ksur kontinwu tar-rekwiżiti ta’ fondi proprji – Ksur b’negliġenza – Drittijiet tad-difiża – Ammont tas-sanzjoni – Obbligu ta’ motivazzjoni”)

(2020/C 313/35)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Crédit agricole Corporate and Investment Bank (Montrouge, Franza) (rappreżentanti: A. Champsaur u A. Delors, avukati)

Konvenut: Il-Bank Ċentrali Ewropew (rappreżentanti: C. Hernández Sasetta, A. Pizzolla u D. Segoin, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-BĊE ECB/SSM/2018-FRCAG-76 tas-16 ta' Lulju 2018 adottata skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-BĊE fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU 2013, L 287, p. 63), li timponi fuq ir-rikorrenti sanzjoni pekunjarja amministrattiva fl-ammont ta' EUR 300 000 minħabba ksur kontinwu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji previsti fl-Artikolu 26(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU 2013, L 176, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2013, L 208, p. 68, fil-ĠU 2013, L 321, p. 6 u fil-ĠU 2017, L 20, p. 2).

Dispożittiv

- 1) Id-Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) ECB/SSM/2018-FRCAG-76 tas-16 ta' Lulju 2018 hija annullata sa fejn timponi fuq Crédit agricole SA sanzjoni pekunjarja amministrattiva fl-ammont ta' EUR 300 000.